MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-17 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 932/2001/1

**TASIKA AUTO LIMITED**

vs

Jason **MIZZI** u b'Nota tal-15 ta' Novembru, 2005, l-Avukat Dottor Henry Antoncich assuma l-atti tal-kawża minflok l-istess Jason Mizzi li huwa assenti minn Malta u sakemm idum hekk assenti

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Mejju, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti (a) tikkundanna lill-imħarrek iħallasha elf u ħames mitt lira Maltija (Lm 1,500)[1] import

[1] Li jġibu € 3,494.06 fi flus tal-lum

ta' tliet kambjali, flimkien mal-imgħax legali fuqhom, (b) flimkien ma' somma oħra ta' mitejn u tmienja u għoxrin lira Maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (Lm 228.55)[2] bħala spejjeż li hija nefqet fl-interess tal-imħarrek, fi ħlas ta' multi, ħlas ta' tiġdid ta' liċenzi tat-triq u *premia* tal-polza ta' assikurazzjoni. Talbet ukoll li (ċ) l-imħarrek jitqies ħati tal-ispejjeż għal tiswija ta' ħsarat li hija kellha tagħmel fuq karozza tal-għamla *Mercedes* li l-imħarrek kellu f'idejh u sakemm damet f'idejh. Talbet (d) il-likwidazzjoni tal-imsemmija spejjeż minħabba ħsarat fis-somma ta' elf sitt mija u ħamsin lira Maltija u ħamsa u ħamsin ċenteżmi (Lm 1650.55)[3] u (e) l-kundanna tal-imħarrek biex iħallas dik is-somma likwidata bħala dannu mġarrab minnha. Qiegħda titlob ukoll li (f) l-imħarrek jitqies responsabbli li jħallasha somma, li (ġ) għandha tiġi likwidata, għall-użu li huwa għamel mill-istess karozza għaż-żmien kollu li għamlet f'idejh, u (ħ) biex l-imħarrek iħallasha wkoll dik is-somma hekk likwidata. Talbet l-ispejjeż tal-kawża;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-20 ta' Settembru, 2001, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi ressaq eċċezzjonijiet ta' natura preliminari proċedurali, fosthom dawk tan-nullita' u l-irritwalita' tal-istess azzjoni, dik tan-nuqqas tas-setgħa ta' din il-Qorti biex tisma' l-kawża, dik tal-ġudikat u wkoll dik tal-preskrizzjoni. Laqa' fil-mertu billi qal li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex ir-rabta legali bejn il-partijiet kienet regolata bil-ftehim tat-12 ta' Lulju, 1994, dwar il-bejgħ tal-karozza in kwestjoni;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tas-16 ta' Ottubru, 2003[4], li biha u għar-raġunijiet hemm mifissrin, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-imħarrek (dwar l-irritwalita' tal-azzjoni attriċi skond l-artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-31 ta' Mejju, 2005[5], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissrin, ċaħdet it-tieni eċċezzjoni mqanqla mill-imħarrek (dwar in-nuqqas ta'

[2] Li jġibu € 532.38 fi flus tal-lum
[3] Li jġibu € 3,844.75 fi flus tal-lum
[4] Paġġ. 71 sa 82 tal-proċess
[5] Paġġ. 109 sa 119 tal-proċess

ġurisdizzjoni ta’ din il-Qorti biex tisma’ l-kawża minħabba l-*privilegium fori*, għall-finijiet tal-artikolu 741(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta);

Rat in-Nota mressqa mill-avukat Dottor Henry Antoncich waqt is-smigħ tal-15 ta’ Novembru, 2005[6], li biha huwa assuma l-atti tal-kawża f’isem l-imħarrek sakemm dan idum nieqes minn Malta;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tal-5 ta’ Ottubru, 2006[7], li bihom u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek (l-eċċezzjoni tal-ġudikat);

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, kemm bil-mezz ta’ dokumenti u kif ukoll b’xhieda mismugħa minnha jew imressqa bil-mezz tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta’ Jannar, 2007, li bih u minħabba ċ-ċirkostanzi tas-safar minn Malta tal-imħarrek, ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma’ u tiġbor il-provi li l-partijiet kien għad fadlilhom iressqu;

Rat id-degreit tagħha tas-17 ta’ Jannar, 2008, li bih awtorizzat lill-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fit-28 ta’ Frar, 2008[8];

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek *nomine* fit-2 ta’ Mejju, 2008[9], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Reġgħet rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

---

[6] Paġ. 121tal-proċess
[7] Paġġ. 139 sa 147 tal-proċess
[8] Paġġ. 262 sa 280 tal-proċess
[9] Paġġ. 284 sa 291 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas, kumpens għal nefqiet u danni. Il-kumpannija attriċi qiegħda tfittex lill-imħarrek Jason Mizzi biex iħallasha għadd ta' somom ta' flus li hija tgħid li għandu jagħtiha dwar vettura lilu minnha mibjugħa għal matul iż-żmien li żamm f'idejh l-istess vettura, sa ma reġgħet ittieħdet mill-kumpannija attriċi, u wkoll li jiġi meqjus responsabbli għall-ħsarat li seħħew fuq l-imsemmija vettura u li jħallasha d-danni li ġarrbet minħabba f'hekk;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa', fost l-oħrajn, b'għadd ta' eċċezzjonijiet ta' natura preliminari. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex ir-rabta ta' bejn il-partijiet hija regolata mill-kitba li saret bejniethom f'Lulju tal-1994;

Illi bi tliet sentenzi *in parte*, l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari ma tqisux tajbin. Din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u dwar il-mertu;

Illi <u>l-fatti rilevanti li jirrigwardaw l-eċċezzjoni taħt eżami</u> juru li fit-12 ta' Lulju, 1994[10], l-attur xtara taħt skema ta' *part exchange* karozza tal-għamla *Mercedes Benz* reġistrata V-2525 mingħand il-kumpannija attriċi bil-prezz ta' Lm 15,400, u bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm aħjar murija. Dwar Lm 5,000 mill-prezz, dawn kienu l-valur tal-karozza tal-għamla *Ford Escort* reġistrata L-8384 li huwa partat mal-karozza minnu mixtrija, filwaqt li ħallas Lm 3,000 akkont dak inhar tal-ftehim[11], filwaqt li s-Lm 7,500 li kien fadal mill-prezz miftiehem kellu jħallashom b'rati kull xahar koperti b'sensiela ta' kambjali minnu aċċettati. It-trasferiment tal-karozza kellu jgħaddi malli jitħallas il-prezz kollu miftiehem;

---

[10] Dok "A", f'paġ. 6 tal-proċess
[11] Dok "HA", f'paġ. 189 tal-proċess

Illi ħareġ li l-karozza *Escort* li l-imħarrek għadda lill-kumpannija attriċi kien għadu ma ħallashiex kollha lil min biegħhielu, u għalhekk, f'Diċembru tal-1994, il-kumpannija attriċi kellha toħroġ is-somma ta' Lm 1,500 biex tħallas prezzha għas-saldu lil min kien biegħha lill-imħarrek ("Reġina Auto Dealer") biex hi setgħet tittrasferiha lil xerrej li kien xtraha mingħandha, wieħed John Caruana[12]. L-imħarrek ma kienx f'qagħda li joħroġ dik is-somma minnufih, u għalhekk intrabat li jħallasha bejn Jannar tal-1995 u Marzu ta' dik is-sena billi nħarġu tliet (3) kambjali ta' Lm 500 kull kambjala favur il-kumpannija attriċi[13];

Illi l-imħarrek naqas li jħallas l-imsemmija kambjali meta għalqu. Madankollu, huwa wettaq il-ħlas ta' wħud mis-sensiela oriġinali tal-kambjali li kienu nħarġu meta sar il-bejgħ-tpartit;

Illi ħareġ ukoll li meta l-*Mercedes* kienet inġabet l-ewwel darba f'Malta, f'Mejju tal-1991, kienet saret kundizzjoni mill-awtoritajiet doganali li l-vettura ma setgħetx tkun trasferita lil ħaddieħor qabel ma jgħaddu erba' (4) snin minn dak inhar[14]. Meta l-imħarrek sar jaf b'dan, waqaf iħallas aktar lill-kumpannija attriċi l-bilanċ tal-prezz li kien għadu ma tħallasx. Minbarra dan, f'xi żmien qabel Ottubru tal-1996, l-imħarrek ħabat bil-karozza u ġarrab ħsara kbira[15]. Huwa jgħid li sewwiha[16] u taha *spraywork* ġdid li swielu 'l fuq minn Lm 800[17];

Illi l-*Mercedes* kienet trasferita favur il-kumpannija attriċi f'Novembru tal-1995[18], Sadattant, il-kumpannija attriċi baqgħet tħallas il-liċenzi għat-triq tal-vettura u kif ukoll il-ħlas tat-tiġdid tal-polza tal-assikurazzjoni li kienet tkopriha, sa Settembru tal-1997[19]. Minbarra dawn, l-attriċi għamlet tajjeb ukoll għall-ħlas ta' multi li l-imħarrek weħel fuq ksur ta' regolamenti jew kontravvenzjonijiet bejn Mejju tal-1996 u April tal-1997;

---

[12] Dok "BF1", f'paġ. 175 tal-proċess
[13] Dokti "B", "Ċ" u "D", f'paġġ. 7 – 9 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Brian Farruġia 3.5.2007, f'paġ. 215 tal-proċess
[15] Dok "AG", f'paġġ. 162 – 4 tal-proċess
[16] Affidavit tal-imħarrek 13.8.2007, f'paġ. 228 tal-proċess
[17] Dok "JM6", f'paġ. 231 tal-proċess
[18] Dok "BFA", f'paġ. 207 tal-proċess
[19] Dok "CC2", f'paġ. 155 tal-proċess

Illi l-imħarrek żamm il-karozza għandu għal ftit aktar minn tliet snin. Huwa jgħid li matul dak iż-żmien kien daħal f'nefqiet kbar biex tejjibha. Madankollu, minħabba li, sa dak iż-żmien, hu kien baqa' ma ħallasx il-prezz kollu miftiehem fil-kuntratt tax-xiri, il-kumpannija attriċi kienet ħadet il-karozza taħt idejha u rmonkatha lura lejn Għawdex f'Lulju tal-1997[20];

Illi aktar 'il quddiem fl-1997, il-kumpannija attriċi u l-imħarrek kienu waslu fi ftehim li bih ħassru l-ftehim ta' bejgħ-u-tpartit ta' Lulju 1994, l-imħarrek irodd lura xi aċċessorji mill-vettura minnu mixtrija li kienu għadhom f'idejh u li l-kumpannija attriċi tħallsu lura somma li kellha tkun iffissata bħala kumpens għan-nefqiet li huwa għamel laħaq għamel fuqha;

Illi fl-1998, l-imħarrek kien fetaħ kawża kontra l-kumpannija attriċi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) biex jiġi dikjarat maħlul il-ftehim ta' bejgħ/tpartit tal-imsemmija karozza li kien sar bejn il-partijiet f'Lulju tal-1994, u biex il-kumpannija trodd lura l-flus minnu minfuqin fil-ħlasijiet akkont tal-prezz u fl-ispejjeż għat-titjib li sar fil-karozza. Min-naħa tagħha, il-kumpannija attriċi fetħet kawża kontra l-imħarrek f'dik il-Qorti fil-11 t'April, 2000[21], għat-tħassir tal-imsemmi ftehim, u dan minħabba nuqqas ta' twettiq tar-rabtiet u l-obbligi miftehma min-naħa tal-istess imħarrek. Il-kawża mibdija fl-1998 inqatgħet favur l-imħarrek tal-lum fis-27 ta' Marzu, 2001[22], u l-kumpannija attriċi f'din il-kawża kienet ordnata tħallsu Lm 9,000. Minnha ma sarx appell;

Illi fi Frar tal-2001[23], il-kumpannija attriċi bagħtet ittra uffiċjali lill-imħarrek biex titolbu jħallasha l-kambjali kollha li ma kienx ħallas skond il-ftehim, magħduda t-tliet kambjali li nħarġu f'Diċembru tal-1994. Fit-28 ta' Mejju, 2001, l-kumpannija attriċi ċediet, b'Nota mressqa fir-Reġistru, il-kawża li bdiet f'Għawdex kontra l-imħarrek u l-

[20] Affidavit ta' Charles Camilleri 15.12.2006, f'paġ. 152 tal-proċess
[21] Ċitazz. Nru. 66/00PC, Dok "JM1", f'paġġ. 32 – 4 tal-proċess
[22] Ċitazz. Nru. 241/98TMT, Dok "JM5" f'paġġ. 38 sa 42 tal-proċess (il-Qorti tinnota li jidher li l-kopja fiha parti nieqsa)
[23] Dok "ĊĊ4", f'paġġ. 158 – 9 tal-proċess

għada infetħet il-kawża tal-lum, li tqegħdet għas-smigħ għad-9 t'Ottubru, 2001. Il-Qorti t'Għawdex waqfet milli tisma' iżjed il-kawża mibdija mill-kumpannija attriċi, waqt is-smigħ tat-8 ta' Ġunju, 2001, wara li nqrat in-Nota ta' Ċessjoni. L-imħarrek laqa' kopja tal-atti u tal-Avviż tas-Smigħ ta' din il-kawża fit-2 ta' Settembru, 2001[24];

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ taħt eżami</u>, jifdal li l-Qorti tqis, qabel xejn, l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi waqgħet biż-żmien. Minbarra li l-liġi titlob li qorti tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni b'kap għaliha fis-sentenza[25], huwa biss f'każ li l-Qorti ssib li l-imsemmija eċċezzjoni m'hijiex tajba li mbagħad ikollha għalfejn tgħaddi biex tqis il-każ fil-mertu;

Illi **għar-rigward tal-eċċezzjoni li l-kawża waqgħet bil-preskrizzjoni** irid jingħad li l-imħarrek jibniha fuq aktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi. Kemm hu hekk, huwa jinvoka l-preskrizzjoni tal-ħames snin taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili għal dak li jirrigwarda l-ewwel, it-tieni, s-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet; il-preskrizzjoni tas-sentejn taħt l-artikolu 2149(e) tal-imsemmi Kodiċi għal dak li jirrigwarda t-tieni talba attriċi; u dik tas-sentejn taħt l-artikolu 2153 tal-istess Kodiċi għal dak li jirrigwarda t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi. Minbarra dan, waqt is-smigħ tal-15 ta' Novembru, 2005[26], l-għaref difensur tal-imħarrek żied jiċċara li l-preskrizzjoni tal-ħames snin dwar l-ewwel talba attriċi kienet imsejsa wkoll fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 542 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap 13);

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni dwar l-ewwel talba</u> għandu jingħad li dik it-talba hija dwar il-ħlas ta' tliet (3) kambjali li nħarġu mill-kumpannija attriċi f'Diċembru tal-1994 u li kienu aċċettati mill-imħarrek, sabiex jagħmlu tajjeb għas-somma ta' elf u ħames mitt lira Maltin (Lm 1,500) li l-attriċi ħarġet biex ħallset il-bilanċ tal-prezz li l-imħarrek kien għad fadallu jħallas mill-karozza li

[24] Ara r-riferti f'paġġ. 26 *tergo* u 27 tal-proċess
[25] Art. 730 tal-Kap 12
[26] Ara paġ, 122 tal-proċess

huwa għadda bi tpartit lill-kumpannija attriċi ma' dik li l-kumpannija attriċi kienet ikkonsenjatlu;

Illi fil-każ tal-lum, it-tliet kambjali li tagħhom qiegħda titlob il-ħlas il-kumpannija attriċi ma kinux jagħmlu mis-sensiela oriġinali ta' kambjali li nħarġu meta sar il-ftehim ta' *part exchange* bejnha u l-imħarrek. Ir-raġuni għall-ħruġ tal-imsemmija kambjali tinstab fl-imsemmi ħlas li l-attriċi kellha tagħmel lil sid l-*Escort* li l-imħarrek partilha, sabiex hi setgħet tkun f'qagħda li tbiegħha lil klijent tagħha. Għalhekk, il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-imħarrek[27], li ladarba l-ftehim oriġinali kien waqa' b'sentenza ta' Qorti oħra, waqgħu wkoll l-imsemmija tliet kambjali. L-import ta' dawk il-kambjali huwa sewwasew ħlas ta' somma li, meta sar il-ftehim imsemmi, ma kenitx tagħmel parti minn dak il-ftehim u nqalgħet il-ħtieġa tagħha xi xhur wara. Fuq kollox, billi dik is-somma kienet tagħmel parti mill-prezz li bih kienet stmata l-vettura li partat l-imħarrek, din kienet somma li hu kellu jkun ħallas jew, tal-anqas, iddikjara li kienet għadha dovuta. Għal din il-Qorti, dik is-somma kienet ammont awtonomu mill-ftehim tal-bejgħ-u-kiri u ma kienx jiddependi qatt minn jekk dak il-ftehim kienx waqa' jew le;

Illi fil-qafas tal-imsemmija talba, joħroġ li t-tliet kambjali nħarġu kollha fl-istess jum, wara li l-imħarrek għarraf lill-kumpannija attriċi li huwa ma kellux il-flus biex iħallas il-bilanċ lil sid il-vettura li huwa kien għaddhielha u hi ħarġet dik is-somma f'ismu u b'hekk issurrogat lilha nnifisha bħala kreditriċi tiegħu. Dawk il-kambjali kellhom jitħallsu fi żmien tliet xhur wara xulxin, bl-aħħar waħda titħallas f'Marzu tal-1995;

Illi l-artikolu 542 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jgħid li "*Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 238, 239 u 263, l-azzjonijiet li ġejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew promissory notes, jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin minn dak inhar li jagħlqu...*". Fil-każ tal-lum, id-dispożizzjonijiet li jissemmew fis-silta ċitata ma jidħlux, għaliex it-tliet kambjali ma kenux ġirati u baqgħu

[27] Ara paġ. 286 tal-proċess

dejjem f'idejn il-kumpannija attriċi sa minn dak inhar li nħarġu u aċċettahom l-imħarrek;

Illi l-imħarrek jgħid li ż-żmien imsemmi f'dak l-artikolu huwa wieħed perentorju u għalhekk, ladarba t-talba għall-ħlas tagħhom saret fl-2001, il-ħames snin msemmija mil-liġi kienu għaddew u l-azzjoni waqgħet. Min-naħa tagħha, l-kumpannija attriċi tissottometti[28] li, filwaqt li hija taċċetta li ż-żmien imsemmi mil-liġi huwa wieħed ta' dekadenza[29], iżżid tgħid li kien hemm raġuni li minħabba fiha dak iż-żmien ma baqax għaddej. Hija tgħid li din ir-raġuni kienet tikkonsisti fil-fatt li l-imħarrek kien fetaħ kawża kontra tagħha fl-1998 bit-talba għax-xoljiment tal-ftehim, u għalhekk ma kenitx f'qagħda li titlob il-ħlas tal-imsemmija tliet kambjali qabel ma tinqata' dik il-kawża. Kemm hu hekk, minnufih wara li nqatgħet dik il-kawża f'Marzu tal-2001, anqas minn xahrejn wara fetħet din il-kawża tagħha tal-lum;

Illi l-Qorti ma tistax taċċetta l-argument tal-kumpannija attriċi. Fl-ewwel lok, din il-Qorti, kif diġa' fissret aktar 'il fuq, tqis li t-tliet kambjali jirrappreżentaw obbligazzjoni awtonoma lil hinn mill-ftehim oriġinali li kien sar bejn il-partijiet. Il-ħlas tagħhom seta' jintalab b'kull jedd meta għalaq iż-żmien tagħhom. Fit-tieni lok, ta' min jgħid li meta għalqu t-tliet kambjali u sa madwar tliet (3) snin wara, kien għad ma hemm l-ebda kwestjoni fil-qrati bejn il-partijiet u xorta waħda ma ħariġx mill-provi li l-kumpannija attriċi qatt interpellat lill-imħarrek iħallashom jew ipprotestathom kif imiss. Fit-tielet lok, l-argument tal-kumpannija attriċi jitwaqqa' minnha nnifisha meta wieħed iqis li fi Frar tal-2001 (jiġifieri, qabel ma ngħatat is-sentenza li biha nqatgħet il-kawża miftuħa kontriha mill-imħarrek) hija bagħtet ittra uffiċjali kontra l-imħarrek fejn, fost l-oħrajn, talbitu jħallas l-imsemmija kambjali. Mela, jekk setgħet tibgħat att ġudizzjarju, setgħet ukoll tipproċediet b'talba ġudizzjarja;

---

[28] Paġġ. 269 – 270 tal-proċess

[29] Ara App. Inf. MCC **7.12.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Petroni noe vs Joseph Żahra*** (mhix pubblikata)

Illi l-Qorti għalhekk issib li l-azzjoni dwar l-ewwel talba attriċi taqa' biż-żmien imsemmi fl-artikolu 542 tal-Kapitolu 13 tal-liġijiet ta' Malta u dik l-eċċezzjoni hija tajba. Minħabba f'hekk, ma hemmx għalfejn li l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ l-istess eċċezzjoni wkoll taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

Illi fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni dwar it-tieni talba attriċi, jrid jingħad li din trid tabilfors titqies min-natura tal-azzjoni fl-imsemmija talba. Għas-soċjeta' attriċi, t-tieni talba (bħalma wkoll huma s-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet tagħha) hija msejsa fuq l-azzjoni li ħadd m'għandu jistagħna bi ħsara ta' ħaddieħor, jiġifieri l-*actio de in rem verso*. Għalhekk, dak mitlub fit-tieni talba m'huwiex risarċiment ta' dannu mġarrab fis-sura akwiljana;

Illi għalkemm fiż-żmien li nfetħet din il-kawża ma kienx għad hemm id-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi li nsibu llum u li jitkellmu dwar l-imsemmija azzjoni *de in rem verso*[30], il-prinċipji u l-fehmiet dwar dik l-azzjoni sussidjarja kienu ilhom żmien stabiliti mill-ġurisprudenza u mis-sentenzi tal-Qrati. Magħduda ma' dawn ukoll kien hemm il-kwestjoni taż-żmien preskrittiv marbut magħha;

Illi l-imħarrek jinqeda b'żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi biex isejjes l-eċċezzjoni tiegħu għat-tieni talba attriċi. Huwa jsemmi l-preskrizzjoni tas-sentejn taħt l-artikolu 2149(e) tal-Kodiċi Ċivili u dik tal-ħames snin taħt l-artikolu 2156(f) tal-istess Kodiċi. Il-Qorti tqis minnufih li safejn l-eċċezzjoni tinbena fuq l-artikolu 2149(e)[31], m'hijiex tajba. Il-pretensjoni attriċi taħt din it-talba – kif sewwa tissottometti l-istess kumpannija fin-nota tagħha[32] – bl-ebda mod ma taqa' taħt it-tifsira ta' dejn dovut lill-Gvern. Fil-fatt, lanqas l-imħarrek ma raġa' semma din id-dispożizzjoni fit-trattazzjoni tiegħu tal-każ;

Illi għalhekk il-Qorti trid tistħarreġ l-eċċezzjoni fid-dawl tal-preskrizzjoni tal-ħames snin. F'dan ir-rigward, il-bixra

---
30 Ara art. 1028A u 1028B li ddaħħlu fil-Kodiċi Ċivili bis-saħħa tal-Att VIII tal-2007
31 Din id-dispożizzjoni tneħħiet mill-Kodiċi bis-saħħa tal-Att VIII tal-2007
32 Paġġ. 279 – 280 tal-proċess

ġenerali tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji u l-ħsieb tal-kittieba hija fis-sens li ż-żmien preskrittiv huwa sewwasew dak tal-ħames snin maħsub fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili u mhux dak tas-sentejn[33]. Minbarra dan, ladarba ż-żmien huwa wieħed ta' preskrizzjoni u mhux ta' dekadenza, jista' jitwaqqaf b'xi wieħed mill-modi maħsuba fil-liġi[34]. Att ġudizzjarju huwa wieħed mill-modi kif iż-żmien tal-preskrizzjoni jitwaqqaf, iżda jekk dak l-att ikun fih talba għall-ħlas fuq bażi kuntrattwali, ma jwaqqafx iż-żmien jekk 'il quddiem il-kreditur jiftaħ kawża msejsa fuq l-arrikkiment mhux mistħoqq[35];

Illi l-imħarrek jgħid li ż-żmien tal-ħames snin maħsub fil-liġi kien ilu li għadda meta l-kumpannija attriċi fetħet din il-kawża kontra tiegħu. Huwa jorbot dan maż-żmien meta l-istess kumpannija attriċi ħadet il-karozza minn taħt idejh u minn wara dahru u mad-data meta laqa' n-notifika tal-kawża tallum (jiġifieri, fis-7 ta' Settembru, 2001). Huwa jżid jgħid li, f'kull każ, is-soċjeta' attriċi tista' biss tfittex għall-kumpens tal-aħħar ħames snin qabel l-imsemmija notifika, u jiġifieri minn Settembru tal-1996 sa meta ħaditlu lura l-karozza minn taħt idejh;

Illi l-kumpannija attriċi ma tmerix il-fatt li ż-żmien preskrittiv tal-azzjoni tagħha huwa sewwasew dak tal-ħames snin taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, iżda tisħaq li dak iż-żmien ma kienx laħaq għadda meta fetħet din il-kawża. Għall-kuntrarju ta' dak li jallega l-imħarrek (jiġifieri, li l-kumpannija attriċi ħaditlu l-karozza f'Novembru tal-1996), hija tisħaq illi l-karozza irmunkatha u ħaditha mill-ġdid taħt idejha f'Lulju tal-1997, u ladarba l-imħarrek kien qiegħed jagħmel użu l-ħin kollu minn dik il-karozza sakemm damet f'idejh, iż-żmien preskrittiv sata' biss jibda għaddej mill-aħħar jum li wżaha;

Illi kif trid il-liġi[36], il-preskrizzjoni ta' kull azzjoni tibda minn dakinhar li l-azzjoni setgħet tinbeda bla ma jittieħed qies tal-istat jew il-kundizzjoni tal-persuna li lilha tali azzjoni

---

[33] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **16.5.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Borġ vs Peter A. Morrisey*** (mhix pubblikata)
[34] Artt. 2127, 2128, 2131 u 2133 tal-Kap 16
[35] App. Ċiv. **16.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Cassar Galea*** (Kollez. Vol: **L.i.346)**
[36] Art. 2137 tal-Kap 16

kienet tmiss. Jekk wieħed iħares lejn il-kliem ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jara li ċ-ċirkostanzi partikolari tal-persuna li kontra tagħha jkun għaddej iż-żmien preskrittiv ta' azzjoni li tista' tieħu ma humiex ta' xkiel biex dak iż-żmien jissokta jimxi. Huwa biss jekk il-jedd ikun wieħed kondizzjonali li ż-żmien preskrittiv jitwaqqaf sakemm il-kondizzjoni sseħħ[37]. Dan ifisser ukoll li ż-żmien tal-preskrizzjoni ta' azzjoni, ladarba huwa wieħed estintiv tal-istess azzjoni, jibda għaddej minn dak inhar li jitnissel il-jedd jew l-għamil maħsub li jwaqqaf dak il-jedd[38];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li, għal dak mitlub mill-kumpannija attriċi fit-tieni talba, l-azzjoni tagħha ma waqgħetx bil-preskrizzjoni li tgħodd għall-każ. Lil hinn, għalissa, mill-kwestjoni jekk dak mitlub huwiex tassew mistħoqq, il-Qorti ssib li meta l-attriċi ressqet it-talba ġudizzjarja u fetħet din il-kawża, l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi li fuqhom tibni t-tieni talba tagħha ma kienu għaddew minn fuqha aktar minn ħames (5) snin. Minbarra dan, kif trid il-liġi[39], it-twaqqif taż-żmien preskrittiv malli titressaq talba ġudizzjarja jseħħ ukoll minkejja n-nuqqas ta' notifika ta' talba bħal dik lill-parti mħarrka;

Illi għalhekk, l-eċċezzjoni m'hijiex tajba u m'hijiex sejra tintlaqa' dwar it-tieni talba attriċi;

Illi b'riħet dan, l-istess irid jingħad dwar l-effetti tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni dwar is-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet attriċi. Hawnhekk, madankollu, kif tajjeb jirrileva l-imħarrek, il-Qorti tiċċara li l-ksur taż-żmien preskrittiv min-naħa tal-kumpannija attriċi jrid jitqies li seħħ fir-rigward tal-ħames (5) snin minnufih qabel ma fetħet il-kawża;

Illi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u t-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi l-imħarrek jibniha fuq l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. F'dawn it-tliet talbiet, il-kumpannija attriċi titlob il-kumpens għall-ħsarat li hija tgħid li l-imħarrek għamel fil-karozza tul iż-żmien li kienet taħt idejh u n-

---

[37] Art. 2125(a) tal-Kap 16 u P.A. **7.11.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Davison et vs Debono et*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.736**)

[38] Baudry-Lacantinerie & Tissier *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile* (3a Ediz), "Della Prescrizione", § 364 paġ. 279

[39] Art. 2131(1) tal-Kap 16

nefqa li kellha tagħmel biex reġgħet sewwiet dik il-ħsara. Ma hemmx dubju, għalhekk, li l-kawżali tal-imsemmija tliet talbiet jinbnew fuq ix-xilja tal-ħtija akwiljana. Dan jaqblu dwaru ż-żewġ partijiet u għalhekk l-artikolu preskrittiv li jgħodd għall-każ huwa dak ta' sentejn skond l-artikolu 2153 msemmi;

Illi ma hemm l-ebda dubju li, min-natura tat-talbiet infushom, il-ħsara li tagħha l-kumpannija attriċi trid issib lill-imħarrek respopnsabbli dwarha hija ħsara li trid tkun ġrat sakemm il-vettura kienet f'idejh. Dan huwa mifhum mill-kliem tal-istess talbiet u premessi relattivi u wkoll effett loġiku ta' kif imisshom jitfissru l-istess talbiet. L-imħarrek għalhekk jgħid li, ladarba l-kawża tal-lum infetħet ħafna żmien wara li kienu għaddew is-sentejn minn dak inhar li l-karozza ittieħdet b'forza mingħandu, kull pretensjoni dwar danni min-naħa tal-kumpannija attriċi ma tistax tintlaqa' għax laħaq għaddielha ż-żmien utli li fih messha fittxet għad-danni. Minbarra dan, huwa jiċħad li tassew kien hemm ħsarat fil-karozza dak inhar li ttieħdet mingħandu;

Illi, min-naħa tagħha, l-kumpannija attriċi tgħid li minkejja li huwa minnu li ż-żmien li jgħodd għal dawk it-talbiet huwa dak tas-sentejn maħsuba fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi msemmi, dak iż-żmien kien twaqqaf meta u nżamm wieqaf sakemm damet tinstema' l-kawża li l-imħarrek kien fetaħ kontra tagħha fl-1998 biex jitlob it-tħassir tal-ftehim;

Illi l-Qorti ma tilqax dan l-argument tal-kumpannija attriċi bħala wieħed tajjeb. Il-bażi tal-pretensjonijiet tagħha f'dawk it-tliet talbiet m'hijiex waħda kuntrattwali, u l-azzjoni miftuħa kontriha mill-imħarrek tal-lum ma kienet qatt ċirkostanza li tissubordina l-pretensjonijiet tad-danni extra-kontrattwali li hija tippretendi llum għad-deċiżjoni dwar jekk il-ftehim oriġinali bejnha u l-imħarrek kellux jibqa' fis-seħħ jew jitħassar. Wieħed jistaqsi, li kieku l-kawża mibdija mill-imħarrek ma ntlaqgħetx u l-Qorti qatgħetha li l-kuntratt ma kienx waqa', l-allegata ħsara li ġarrbet il-kumpannija attriċi tal-lum bil-ħsarat li tgħid li l-imħarrek ħalla fil-karozza kif kienet se' tkun indirizzata b'daqshekk? Ta' min jgħid li, fl-2000, kienet ukoll l-istess kumpannija attriċi li b'kawża (imsejsa fuq l-inadempiment min-naħa

tal-imħarrek tal-lum) talbet t-tħassir tal-kuntratt. Madankollu, għal raġunijiet li tafhom hi, irrinunzjat għal dik il-kawża f'Mejju tal-2001 lejlet li fetħet din il-kawża. Min-naħa l-oħra, ma jidhirx li hija qatt żammet sħaħ il-pretensjonijiet tagħha dwar danni kontra l-imħarrek b'xi att ġudizzjarju jew li l-imħarrek qatt stqarr magħha li huwa tassew kellu jagħmel tajjeb għal xi ħsarat li saru fil-vettura sakemm din damet għandu. Għall-kuntrarju, huwa jisħaq li meta l-attriċi ħadet lura l-karozza minn taħt idejh u minn wara dahru, l-karozza kienu "ħaduha pinna"[40];

Illi għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni dwar l-allegati ħsarat magħmula fil-karozza mertu tal-każ hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti waslet għall-fehmiet tagħha dwar il-kwestjoni tal-preskrizzjoni kif tolqot l-għadd ta' talbiet attriċi, issa sejra tqis **il-pretensjonijiet tal-kumpannija attriċi dwar it-talbiet tagħha li ma waqgħux bil-preskrizzjoni**. Fil-qofol tagħhom, dawn it-talbiet huma (i) talba għar-rifużjoni ta' somom imħallsa fl-interess tal-imħarrek sakemm dam iżomm il-karozza taħt idejh (it-tieni talba) u (ii) talba għall-kumpens għall-użu tal-istess karozza matul l-istess żmien (is-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet). Minħabba n-natura tat-talbiet u l-bażi legali komuni tagħhom, u kif jagħmlu l-partijiet fit-trattazzjoni tagħhom tal-każ, il-Qorti sejra tqis dawn it-talbiet flimkien;

Illi, kif ingħad, dawn it-talbiet attriċi jinbnew fuq l-azzjoni *de in rem verso*. Din hija azzjoni mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq la azzjoni *ex contractu*[41] jew lanqas dik akwiljana mnissla mill-fatt illeċitu jew saħansitra dik maħsuba għar-radd lura tal-ħlas indebitu[42]. Din l-azzjoni hija msejħa sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu[43] jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir[44]. Għalhekk, azzjoni bħal din ma jmisshiex

[40] Xhieda tal-imħarrek 9.1.2008, f'paġ. 260 tal-proċess
[41] P.A. **14.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Fava et*** (Kollez. Vol: **L.ii.487**)
[42] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Desira vs Gasan Enterprises Ltd***
[43] P.A. **4.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Seychell vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.593**)
[44] P.A. **10.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.787**)

titħalla titressaq fejn il-parti attriċi kellha jedd ta' azzjoni li ħallietu jaqa' bil-preskrizzjoni jew li, minkejja li nqdiet bih, tilfet it-talba tagħha fil-mertu jew minħabba raġunijiet proċedurali[45]. Tista', madankollu, titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-ġurisdizzjoni[46]. Din iċ-ċirkostanza tal-aħħar għandha ċerta rilevanza wkoll għall-każ tal-lum;

Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa[47]. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*)[48]. Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ[49]. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni[50], u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata[51];

Illi ingħad ukoll[52] li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qegħda tikseb vantaġġ jew utilita'[53] minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha bla ma sar il-ħlas għalih jew b'mod li ma saritx xi ħaġa li kellha ssir u li kienet ir-raġuni għaliex kien ingħata dak il-ġid[54]; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra

---

[45] App. Inf. PS. **23.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd. vs Victor Balzan et***
[46] P.A. GV **26.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd. vs Stanley Sullivan et***
[47] *Dig. "De Jure Dotium"*, fr.6 *"Quia bono et aequo conveniat aut lucrari aliquem cum damno alterius, aut damnum sentire per alterius lucrum*"
[48] Kumm. **15.9.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mattocks et vs McKeon*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.1018**)
[49] Pescatore – Ruperto Codice Civile Annotato (7ª Ediz. 1978) § 2041, paġ. 2008
[50] Art. 1012 tal-Kap 16
[51] Art. 1019 tal-Kap 16
[52] Ara, per eżempju, Torrente Manuale di Diritto Privato (9ª Edit., 1975) § 387, paġ. 634
[53] App. Kumm. **5.4.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Żammit Tabona*** (Kollez. Vol: **XLI.i.631**)
[54] Amos & Walton's Introduction to French Law (3rd Edit.) , paġ. 197

u (e) li min laqa’ għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b’dik il-ħaġa jew b’dak is-servizz[55];

Illi l-kumpannija attriċi tgħid li, ladarba l-fethim ta’ *hire purchase* bejnha u l-imħarrek tal-lum tħassar b’sentenza tal-Qorti li kkundannatha li trodd lill-istess imħarrek somma flus, jiġi li n-nefqiet li hija għamlet fl-interess tal-istess imħarrek matul iż-żmien li dam juża l-karozza u l-użu nnifsu tagħha tul dak iż-żmien jintitolawha li titlob rifużjoni u likwidazzjoni.  Dwar in-nefqiet, hija tgħid ħarġet b’kollox is-somma ta’ ħames mija u tnejn u tletin ewro u tmienja u tletin ċenteżmi (€ 532.38) fi ħlasijiet ta’ tiġdid ta’ liċenza għat-triq, tiġdid ta’ *premia* għall-assikurazzjoni u ħlas ta’ multi ta’ ksur tar-regolamenti.  Dwar il-kumpens għall-użu, hija tippretendi l-ħlas ta’ tlieta u għoxrin ewro u disa’ u għoxrin ċenteżmi (€ 23.29) għal kull jum li l-karozza damet għand l-imħarrek minn dak inhar tal-ftehim sa dak inhar li tteħditlu minn taħt idejh;

Illi l-imħarrek iwarrab dawn il-pretensjonijiet billi jgħid li ftehim wieħed kien hemm bejn il-partijiet u għalhekk, ladarba l-imsemmi ftehim twaqqa’ b’deċiżjoni tal-Qorti, nħallu r-rabtiet kollha li sata’ kien hemm bejnu u l-kumpannija attriċi.  Minbarra dan, ladarba l-kumpannija attriċi għażlet li tieħu l-liġi b’idejha u qabdet u ħadet lura l-karozza f’idejha minn wara dahru, ma jistax ikun li issa din tippretendi li tingħata kumpens ukoll.  Huwa jgħid li dawn it-talbiet attriċi huma xhieda tat-tustaġni tagħha li taħseb li tista’ tistagħna hi bi ħsara għalih;

Illi l-Qorti tqis li, lil hinn mit-tfettiq taċ-ċirkostanzi li jsawru l-ġrajjiet kollha bejn il-partijiet, fil-prinċipju t-talbiet attriċi jmisshom jintlaqgħu fid-dawl tal-prinċipji kollha li jikkaratterizzaw l-azzjoni tal-arrikkiment mhux mistħoqq. Dan ma jfissirx lanqas li kulma qiegħda tippretendi l-kumpannija attriċi huwa mistħoqq;

Illi, għalhekk, għar-rigward tan-nefqiet li hija tgħid li saru fl-interess tal-imħarrek (it-tieni talba), il-Qorti ssib li huwa xieraq u skond il-ħaqq li jekk kemm-il darba l-kumpannija

[55] P.A.  **30.11.1955** fil-kawża fl-ismijiet P***arnis  vs  Vella noe*** (Kollez Vol: **XXXIX.ii.764**)

attriċi ħallset jew għamlet tajjeb għal xi multi dwar kontravvenzjonijiet li seħħew waqt li l-imħarrek kien qed juża l-vettura, dawn imissu jagħmel tajjeb għalihom l-istess imħarrek. Mill-provi mressqa[56], joħroġ li l-kumpannija ħarġet mija u tnejn u tmenin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmi (€ 182.97) fi ħlas ta' multi li kien jeħilhom l-imħarrek li kieku l-karozza kienet reġistrata fuq ismu u għal raġunijiet li ġraw waqt li l-karozza kienet taħt il-kontroll waħdieni tiegħu. L-istess jista' jingħad dwar is-somma ta' mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmi (€ 116.47) bħala ħlas tal-liċenza għat-triq dwar l-1996 u mija u erbgħa u sebgħin ewro u sebgħin ċenteżmi (€ 174.70) dwar l-istess tiġdid għas-sena 1997. Iżda l-Qorti ma tistax tilqa' t-talba dwar it-tiġdid tal-polza ta' assikurazzjoni meta, kif jingħad mill-istess assikurazzjoni, l-polza kienet tagħlaq fl-1 ta' Lulju, 1996 u ma kenitx tkopri sewwieqa ta' taħt is-36 sena. Minħabba li l-imħarrek kien dejjem taħt is-sitta u tletin sena ta' eta' kemm dam iżomm il-karozza taħt idejh u minħabba wkoll li huwa ressaq prova li huwa wkoll kien ħallas assikurazzjoni għall-vettura kemm damet hekk f'idejh, joħroġ li l-Qorti ma ntwerietx fi grad tajjeb biżżejjed li l-kumpannija attriċi jistħoqqilha kumpens f'dan ir-rigward. Għalhekk, il-Qorti sejra tillikwida l-kumpens mistħoqq taħt it-tieni talba attriċi fis-somma ta' erba' mija u erbgħa u sebgħin ewro u erbatax-il ċenteżmi (€ 474.14);

Illi dwar il-kumpens li l-kumpannija attriċi tippretendi għaż-żmien li l-imħarrek inqeda bil-karozza hemm żewġ kunsiderazzjonijiet legali ewlenin li jridu jitqiesu. L-ewwel waħda hi li, ladarba s-sisien tat-talbiet relativi (is-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet) huma dawk tal-kważi-kuntratt, u minkejja li ż-żamma tal-karozza min-naħa tal-imħarrek kienet waħda kontinwa, l-kumpannija attriċi xorta waħda ma tistax tippretendi kumpens għal dak iż-żmien li huwa eqdem minn ħames (5) snin qabel ma nfetħet il-kawża tallum. Għalhekk, huwa x'inhuwa l-għan u l-ġustifikazzjoni tat-talbiet attriċi f'dan ir-rigward, u ladarba l-imħarrek bl-ebda mod ma irrinunzja għaż-żmien li laħaq għalaq (għall-kuntrarju, invoka dak iż-żmien magħluq favurih), il-Qorti

[56] Ara dokti, f'paġġ. 12 sa 20 tal-proċess

tista' biss tqis u tillikwida xi kumpens għaż-żmien li l-imħarrek żammi il-karozza bejn it-28 ta' Mejju, 1996 u dak inhar li l-kumpannija attriċi rmunkatha minn wara bieb daru. It-tieni kunsiderazzjoni tirrigwarda ż-żmien li l-imħarrek ma baqax aktar iżomm il-karozza;

Illi l-imħarrek jgħid li l-karozza ttieħdet mingħandu f'xi jum mhux speċifikat f'Novembru tal-1996. Min-naħa tagħha, il-kumpannija attriċi tgħid li l-karozza ttieħdet minn wara bieb dar l-imħarrek fl-24 ta' Lulju, 1997. Hija tressaq ukoll xhieda mill-persuna li tqabbdet tagħmel l-irmonk[57]. Għalhekk, il-kumpannija attriċi tgħid li l-karozza damet għand l-imħarrek elf mija u sitt ijiem (1106). Wara li l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha u l-provi mressqa, issib li għandha toqgħod fuq il-verżjoni tal-kumpannija attriċi dwar meta tassew il-karozza ttieħdet minn idejn l-imħarrek. Minbarra l-provi li diġa' ssemmew, joħroġ ċar li wħud mill-multi u kontravvenzjonijiet li nħarġu jirreferu għal persuna li kienet tkun f'Malta (kif kien fil-każ l-imħarrek), filwaqt li l-kumpannija attriċi u d-diretturi tagħha huma bbażati f'Għawdex. Minbarra dan, jidher li l-korrispondenza bejn il-partijiet dwar it-tiftix ta' soluzzjoni bonarja bejniethom ma bdietx fl-1996, imma wara Lulju tal-1997. Għalhekk, il-Qorti sejra tqis li ż-żmien li l-kumpannija attriċi jistħoqqilha kumpens huwa dak bejn it-28 ta' Mejju, 1996 u l-24 ta' Lulju, 1997, jiġifieri erba' mija u wieħed u għoxrin (421) jum;

Illi l-kumpannija attriċi tippretendi kumpens ta' Lm 10 għal kull jum. Dwar dan, ressqet xhieda minn żewġ sidien ta' garaxxijiet dwar kemm kienet il-medja ta' kiri kuljum ta' vettura ta' dik l-għamla[58]. L-imħarrek jargumenta li din il-pretensjoni hija barra minn lokha, meta wieħed iqis li huwa kien ħallas ammont sostanzjali lill-kumpannija attriċi bla ma ħa t-trasferiment tal-karozza, meta l-kumpannija attriċi biegħet u żammet għaliha (naturalment, wara li ħallset il-bilanċ lis-sid ta' qablu) d-dħul kollu mill-bejgħ tal-karozza *Ford Escort* li kien partat mal-vettura mertu tal-każ u meta wieħed iqis li l-kumpannija attriċi kienet reġgħet ħadet pussess tal-vettura mibjugħa b'forza u minn

[57] Dok "CV", f'paġ. 168 tal-proċess
[58] Xhieda ta' Anton Azzopardi u Joe Azzopardi f'paġġ. 161 u 172 tal-proċess

wara dahru. Il-Qorti, wara li qieset kull ċirkostanza msemmija u ħwejjeġ oħra rilvanti, jidhrilha li l-kumpens xieraq li l-kumpannija attriċi jistħoqqilha tirċievi hu ta' ħdax-il ewro u sebgħin ċenteżmi (€ 11.70) kuljum. Dwar in-nefqa tal-irmonk, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha torbot lill-imħarrek, u dan għaliex żgur ma jistax jingħad (kif jitlob wieħed mill-elementi tal-azzjoni *de in rem verso*) li l-imsemmi għamil sar bir-rieda jew il-qbil tal-istess imħarrek, u għaliex dik in-nefqa saret fl-interess tal-kumpannija attriċi nnifisha u għaliha stess;

Illi, għalhekk, filwaqt li sejra tilqa' s-sitt talba attriċi, għall-finijiet tas-seba' talba attriċi qiegħda tillikwida l-kumpens dovut lill-kumpannija attriċi mill-imħarrek għall-użu li għamel mill-karozza għaż-żmien rilevanti fis-somma ta' erbat elef disa' mija u ħamsa u għoxrin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmi (€ 4,925.57);

Illi, għalhekk, b'kollox, l-imħarrek irid iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' ħamest elef tliet mija u disgħa u disgħin ewro u sebgħin ċenteżmi (€ 5,399.70);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' r-raba' eċċezzjoni** tal-imħarrek Jason Mizzi, għar-rigward ta' kull waħda miċ-ċirkostanzi marbuta mal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi u ssib li l-azzjoni attriċi dwar l-imsemmija talbiet waqgħet billi saret wara ż-żmien li messha tressqet, iżda tiċħad l-istess eċċezzjoni tal-preskrizzjoni dwar it-talbiet attriċi l-oħrajn;

**Tilqa' t-tieni, s-sitt, is-seba' u t-tmien talbiet attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' ħamest elef tliet mija u disgħa u disgħin ewro u sebgħin ċenteżmi (€ 5,399.70), bħala rifużjoni ta' nefqiet magħmula minnha fl-interess tal-istess imħarrek, kif fuq imfisser, u bħala kumpens għall-użu tal-vettura mertu tal-każ għaż-żmien rilevanti, fuq liema somma jgħaddi mgħax legali b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi**; u

**Tordna l**i l-kumpannija attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża** dwar it-talbiet tagħha li ma ntlaqgħux, filwaqt li l-imħarrek iħallas l-ispejjeż tat-talbiet attriċi l-oħrajn li ntlaqgħu u kif ukoll dawk marbutin mas-sentenzi preliminari tas-16 ta' Ottubru, 2003, tal-31 ta' Mejju, 2005, u tal-5 ta' Ottubru, 2006.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------